MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1187/2005/1

**Raymond Micallef f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' R C Construction Limited**

**vs**

**Roseanne Carbonaro u b'digriet datat 4 ta' Ottubru 2005 giet ordnata l-kjamat in kawza tal-konjugi Sjaak u Viola Van Vliet u b'nota tat-3 ta' Novembru, 2005 Carmel Buttigieg assuma l-atti ghan-nom ta' Sjaak Van Vliet stante illi Sjaak Van Vliet jinsab imsiefer**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Lulju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur qed jitlob hlas fl-ammont ta' hames mitt Lira Maltin (LM500.00)

rapprezentanti xoghol ta' subappalt maghmul fuq inkarigu tal-konvenuta Roseanne Carbonaro gewwa l-fond Block 11, Apartment 91, Portomaso, San Giljan, liema ammont baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Bl-Ispejjez inkluz l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att, kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenuta Roseanne Carbonaro fejn qalet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-konvenuta ma hijiex il-legittimu kuntradittur. Dan in vista tal-fatt illi hija qatt ma dahlet f'obbligi mall-attur *pro et nomine* u jekk semmaj kien hemm xi ftehim jew arrangament ta' kwalunkwe' tip, dan kien ma Jacobuson u martu, li isimha ghadu mhux maghruf, Van Vliet min-naha l-wahda u Raymond Micallef pro et nominee min-naha l-ohra u f'dan ir-rigward, qed jigi prezentata rikors ghal kjamat in kawza ta' Van Vliet;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Illi b'digriet datat 4 ta' Ottubru 2005 giet ordnata l-kjamat in kawza tal-konjugi Sjaak u Viola Van Vliet u b'nota tat- 3 ta' Novembru, 2005, Carmel Buttigieg qed jassumi l-atti ghan-nom ta' Sjaak Van Vliet stante illi Sjaak Van Vliet jinsab imsiefer.

Ra r-Risposta tal-kjamati in kawza fejn gie sollevat illi qatt ma ezistiet ebda relazzjoni professjonali ma Raymond Micallef jew is-socjeta' RC Construction Limited eress illi l-konvenuti konjugi Van Vliet qatt ma inkarigaw lill-attur jew is-socjeta' attrici jaghmel xi xoghlijiet u illi t-talbiet fil-konfront

tal-kjamati konjugi Van Vliet ma jistghux jaghmlu stat u jigu diretti kontra l-konjugi Van Vliet ghaliex ma tezisti ebda relazzjoni bejn l-attur u l-kjamat in kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex ma hija dovuta ebda somm lill-attur jew is-socjeta' RC Construction Limited minghand il-konjugi Van Vliet.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-Ligi;

It-Tribunal, ra d-dokumenti kollha ezebiti fil-process miz-zewg partijiet;

Ra u sema' x-xhieda ta' Raymond Micallef, ra x-xhieda ta' Roseanne Carbonaro, Raymond Camilleri, Anton Debono, u Violetta Van Vliet;

Ra l-atti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-attur nomine kif ukoll tal-konvenuta Roseanne Carbonaro;

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal hlas rapprezentanti xoghlijiet ta' subbappalt liema ammont baqa' ma thallasx. Illi l-konvenuta tghid illi m'hijiex l-legittima kuntradittrici stante illi hija qatt ma dahhlet f'obbligi mall-attur. Illi fuq talba tal-konvenuta gew kjamati in kawza il-konjugi Van Vliet li skond il-konvenuta kienu l-partijiet li dahhlu f'obbligi mall-attur *nominee*.

Illi t-Tribunal, akkorda t-talba ghal kjamata fil-kawza tal-koppja Van Vliet u fl-4 ta' Ottubru, 2005 ordna li jigu kjamati in kawza.

Illi l-kjamati in kawza qalu lli ma tezisti ebda relazzjoni professjonali mall-attur *nomine* peress illi huma qatt ma nkarigaw lill-attur jew lis-socjeta' attrici ghal xi xoghlijiet.

Illi fix-xhieda ta' Raymond Micallef, l-attur huwa jghid illi huwa gie maqbud mill-konvenuta sabiex jaghmel xi xoghlijiet ta' 'turnkey contractor,' u jaf illi il-konvenuta ma kienetx il-proprjetarja tal-appartament fejn saru x-xoghlijiet. Hu jghid li l-ftehim kien sar mall-konvenuta u hi ma kienetx hallsitu peress illi kienet qed tistenna l-flus minn sid il-proprjeta' u cioe' il-kjamata in kawza Violetta Van Vliet. Ix-Xhud jghid illi ma kellux ftehim bil-miktub mall-konvenuta izda gieli hadem maghha fuq proprjetajiet ohra izda dejjem hallsitu il-konvenuta meta hija kienet involuta privatament fuq dawn ix-xoghlijiet. Ix-Xhud qal illi hu qatt ma kellu x'jaqsam mall-proprjetarja Violetta van Vliet, il-kjamata in kawza. Ix-Xhud jghid ukoll illi il-konvenuta kienet thallsu 'cash.'

Skond ix-xhieda ta' Roseanne Carbonaro hi tghid illi kienet impjegata ma Tumas Group u kienet taghmel xoghol ta' 'interior designer' ghall-appartamenti f'Portomaso, San Giljan u kienet titratta mall-klijenti bhala impjegata ta' Tumas Group. Izda fil-kaz in kwistjoni, ghalkemm l-appartament jinsab gewwa Portomaso il-konvenuta kienet qed tahdem privatament u ghar-rasa. Il-Konvenuta Carbonaro tghid illi hija kienet '*l'interior designer'* tal-kjamata in kawza u dejjem irrieferiet lilha ghad-decizjonijiet ta' stimi u materjali u qatt ma ffirmat cekk f'isimha. Il-konvenuta tghid illi l-attur gie maghzul bl-approvazzjoni tal-kjamata in kawza.

Il-konvenuta kjamata in kawza Violetta Van Vliet tghid illi hi ma kienetx ghazlet lill-attur u lill-attur hi ma tafux. Hi kienet thallas lil Roseanne Carbonaro permezz ta' 'cheques' miktubin f'isem il-konvenuta

u xi drabi kienet thallas lil terzi permezz ta' '*cheque'* skond l-*invoice*. Il-kjamata in kawza tghid illi hija kienet hallset lill-konvenuta Carbonaro ghax-xoghlijiet in kwistjoni. Hi tghid ukoll illi ghalkemm hija kienet thallas ghax-xoghlijiet maghmulha fl-appartament hi qatt ma kienet tingagga in-nies. Dan kienet tiehu hsiebu il-konvenuta Carbonaro.

Fil-fehma tat-Tribunal jidher illi fil-kaz in kwistjoni l-attur kien gie mqabbad mill-konvenuta Carbonaro ghal xoghlijiet f'appartament. Jidher illi il-konvenuta Carbonaro kienet qabditu diversi drabi sabiex jaghmlilha xi xoghlijiet f'appartamenti ohra kemm fil-vesti taghha bhala impjegata ta' Tumas Group u kemm fil-vesti ta' interior designer' privatament. Hu jghid illi ghax-xoghol privat taghha l-konvenuta normalment kienet thallsu 'cash.'

It-Tribunal jirrileva lli ma hemm ebda ftehim iffirmat bejn iz-zewg partijiet dwar dawn ix-xoghlijiet. Ghalhekk it-Tribunal ha jkollu joqghod fuq id-deposizzjonijet moghtija mill-partijiet kief ukoll fuq dokumenti ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Minn analizi tx-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi esebiti, t-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni li ghalkemm il-kjamata in kawza hija l-proprjetarja tal-fond li fih saru x-xoghlijiet, kemm l-attur u kemm il-kjamata in kawza qatt ma ltaqghu. Il-ftehim dwar ix-xoghlijiet dejjem saru bejn l-attur u l-konvenuta. Illi sahansitra l-attur jghid illi huwa kien hadem diversi drabi ghall-konvenuta fuq postijiet ohra li kienet tiehu hsieb personalment u kienet kwazi dejjem thallsu *cash*. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuta Carbonaro ma kienetx konvincenti bil-provi taghha. Rigward il-kjamat in kawza Van Vliet din tghid illi hija hadmet mall-konvenuta Carbonaro u li hi kienet thallasha regolarment. Illi fir-rigward ta' dan il-kaz deher lill-kjamat in kawza li hi kienet hallset ghax-xoghlijiet

kollha. Hi tghid illi gieli hallset direttament meta gew prezentati l-*invoices* u gieli hallset lill-konvenuta Carbonaro.

Illi t-Tribunal jirrilleva lli ma kienx hemm ftehim bil-miktub bejn il-konvenuta u l-kjamat in kawza u l-anqas ma kien hemm ftehim bil-miktub bejn il-konvenuta Carbonaro u l-attur *pro et nomine*.

Illi t-Tribunal huwa moralment konvint illi l-attur qatt ma ltaqa' mall-kjamata in Kawza Viola Van Vliet.

It-Tribunal huwa tal-fehma lli l-*modus operandi* tal-konvenuta Carbonaro jesponiha ghal azzjonijiet fil-konfront taghha, meta tingagga subappalturi direttament, titratta maghhom b'mod dirett minghajr ebda ftehim bil-miktub u thallashom 'cash.' It-Tribunal isib illi il-*modus operandi* tal-konvenuta Carbonaro f'dan il-kaz in kwistjoni dahlitha f'obbligu mall-attur minhabba *nexus* dirett li kien hemm bejn l-attur *pro et nomine* u l-konvenuta Carbonaro.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuta Roseanne Carbonaro thallas lill-attur *pro et nomine* fis-somma ta' hames mitt Lira Maltin u (LM500.00) bl-interessi skond il-Ligi mid-data tas-sentenza fil-waqt illi tillibera lil-kjamati in kawza mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez a karigu tal-konvenuta Roseanne Carbonaro salv u impregudikat kull dritt li jista' jkollha l-istess konvenuta fil-konfront ta' terzi."

L-aggravju li fuqu hu bazat l-appell tal-konvenuta fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu dak li t-Tribunal naqas milli japprezza, skond il-fattispeci tal-kaz, illi hi ma kienetx il-legittimu kontradittur. Fl-elaborazzjoni ta' dan l-istess aggravju taghha l-konvenuta tissottometti illi jekk

huwa dovut hlas lill-attur dan ma ghandux ikun imputat lilha ghax ix-xoghlijiet ma sarux la fuq inkarigu taghha u lanqas a beneficcju taghha;

Ezami akkurat ta' l-aggravju, li skond l-appellanti jivvjola d-dispost ta' l-Artikolu 8 (2) (d) tal-Kapitolu 380, juri li, in essenza, dan mhux hlief wiehed ta' censura kontra l-valutazzjoni mit-Tribunal tal-materjal istruttorju, u l-aktar dak tal-gudizzju maghmul minn dan fuq l-attendibilita` tax-xhieda u tal-kredibilita` tax-xhieda ta' l-attur u tal-kjamata in kawza invece ta' dik provvduta minnha u mix-xhud Anton Debono. Fuq punt bhal dan din il-Qorti tenniet aktar minn darba illi l-apprezzament tal-fatti mit-Tribunal hu eskluzivament rizervat lilu mil-ligi u ma jattirax is-sindakabilita` ta' din il-Qorti hlief jekk jinstab illi l-konvinciment tieghu fuq dawk il-fatti mhux sorrett minn motivazzjoni razzjonali jew hu kontra l-ligi. Mill-bqija, dak it-Tribunal, bhal kull qorti jew tribunal aggudikanti iehor, jista' jqieghed a fondament tad-decizjoni tieghu fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' ohra ghax dan jaqa' fil-poter diskrezzjonali wiesgha tieghu, u tali hu incesurabbli f'din is-sede;

Maghdud dan, biex il-Qorti ma tigix akkuzata li ttrattat leggerment l-aggravju lilha hekk sottopost, ser tghaddi biex taghmel ir-ri-valutazzjoni taghha tal-provi u tipprovdi l-osservazzjonijiet taghha dwarhom;

Milli attijiet tal-kawza quddiem it-Tribunal jistghu jigu brevement ri-epilogati dawn il-fatti:-

(1) L-attur jghid li ghax-xoghlijiet partikulari ezegwiti minnu bhala *turnkey contractor* gie inkarigat mill-konvenuta. Dan ma kienx l-uniku inkarigu li tatu ghaliex fil-passat dwar xoghlijiet ohra l-arrangamenti dejjem saru mal-konvenuta u kienet din li hallsitu (*cash*). Ara xhieda tieghu a fol. 20, fol. 41 u fol. 49 tal-process;

(2) Ix-xhieda Anton Debono (fol. 32) u Raymond Camilleri (fol. 30) li wkoll ezegwew xoghlijiet fl-istess appartament, proprjeta` tal-kjamati in kawza, ukoll jikkonfermaw li huma gew hekk imqabbda mill-konvenuta, anke jekk dawn jiddikjaraw ukoll illi l-hlas ta' l-operat taghhom kienu jispettawh minghand l-imsejha fil-kawza;

(3) Il-konvenuta tikkonferma li l-kummissjoni tax-xoghlijiet saru minnha izda imbaghad tiddikjara wkoll illi la l-kjamata in kawza accettat il-*quotation* ta' l-attur u din kienet prezenti fil-mument ta' l-accettazzjoni u l-istruzzjonijiet dwar ix-xoghlijiet inghataw minn din, *ergo*, hi ma kellha ebda ftehim ma' l-attur u, allura, mhux responsabbli ghall-hlas reklamat. Ara deposizzjoni taghha a fol. 22;

(4) Dwar il-mansjonijiet affidati lill-konvenuta mis-sidien tal-flat, il-kjamata in kawza Violette Van Fleet tghid dan: "*Our agreement was that Roseanne Carbonaro would find people to do the work and if there was any detailed work of interior design she would help with that too. She was supervising the works as well*" (fol. 46). L-istess xhud tghid ukoll li hi ma ngaggat ebda kuntrattur u li l-hlasijiet ghax-xoghlijiet ezegwiti kienet tghaddihom lill-konvenuta. B'mod kategoriku, teskludi li qatt ftehmet direttament ma' l-attur jew li ltqaghet mieghu fil-kors ta' l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet;

Fil-prospettiva ta' dawn il-fatti hi l-fehma ta' din il-Qorti illi r-rapport negozjali instawrat ghall-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet saru esklusivament, fil-kaz ta' l-attur, bejnu u l-konvenuta. Prevalentement, il-konvenuta appellanti giet mill-imsejha fil-kawza inkarigata biex tiehu hsieb id-direzzjoni u s-sorveljanza tax-xoghlijiet necessitati fl-appartament. Tali responsabilita` direttiva ta' dawk l-istess xoghlijiet ghandha minn natura tal-*locatio operarum* ossija ta' l-appalt. Huwa veru li l-konvenuta ssubappaltat ix-xoghlijiet lil diversi kuntratturi, izda b'dak il-ftehim ma nholoqx ftehim dirett bejn dawn il-kuntratturi u l-kommittenti, imsejha fil-kawza, izda biss rapport obbligatorju ugwali bejn sub-appaltant u sub-appaltatur;

Anke minn din l-ottika hi l-fehma tal-Qorti illi l-azzjoni giet mill-attur sewwa diretta kontra l-konvenuta ghal kundanna tal-hlas tax-xoghlijiet maghmula minnu ghaliex kien maghha li kkuntratta u mhux ukoll mal-kjamati in kawza. Xejn ma jiswa li dawk ix-xoghlijiet saru fl-interess ta’ dawn ta’ ahhar ghaliex jibqa’ dejjem veru li quddiem l-attur hi responsabbli l-konvenuta ghal dak il-hlas. Hu, del resto, presuppost anke bis-sahha tad-dritt ekwitattiv, ghal liema jirrefri l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380, illi l-attur jikkonsegwi d-dritt ghal hlas ta’ xoghlu minghand il-konvenuta li maghha kkonkorda. *Multo magis*, imbaghad, meta fejn bhal f’dan il-kaz, il-kjamata in kawza stqarret li hallset kollox lill-konvenuta ghax-xoghlijiet li saru, ghax allura ma kienx lanqas lecitu li jkun mistenni li l-attur joqghod jikkontempla dik il-qaghda tieghu ta’ kreditur *sub specie aeternitatis* sakemm il-konvenuta u l-kjamata in kawza jirrizolvu bejniethom il-kontroversja relattiva ghal dawk il-hlasijiet;

Merament, mill-punto di vista tad-dritt procedurali jrid jinghad illi meta konvenut jeccepixxi li ma huwiex il-legittimu kontradittur fir-rapport dedott fil-gudizzju mill-attur u, anzi, jindika lil terzi bhala l-legittimati passivi tal-pretensjoni attrici, dan ma jfisserx, ankorke l-gudikant ikun laqa’ t-talba ghas-sejha fil-kawza taghhom, illi dawn l-istess terzi ghandhom legittimament jitqiesu l-kontradittūri minflok il-konvenut. Dak ir-rapport merament processwali ma jgibx ghal daqshekk illi t-talba tal-kundanna tal-hlas testendi ruhha fil-konfront tat-terzi meta ma’ dawn l-attur ma kellu ebda vinkolu kontratttwali;

Fissret ruhha sewwa fuq il-materja l-Qorti ta’ l-Appell, sede Kummercjali, in re: “**Vincent Cauchi -vs- Michael Vella *et***”, 7 ta’ Lulju, 1992, meta osservat illi kien korrett li t-terz jigi kjamat in kawza ghax “hu kellu jkun prezenti biex jiehu parti fil-vertenza biex jekk hemm bzonn jiddefendi lill-konvenut li kien dahhlu floku, sabiex ma jkunx jista’, f’gudizzju iehor, jobbjetta, kontra l-konvenut, li dan seta’ jiddefendi ruhu b’certu mod, kontra l-attur, imma

m’ghamlux. U dan hu wiehed mill-iskopijiet principali ta’ l-istitut tal-kjamata in kawza. Skop iehor ta’ l-istitut huwa dak ta’ l-ekonomija tal-gudizzji, pero` dan l-iskop jista’ jintlahaq biss fil-kazijiet kongruwi u possibbli”. F’dik l-istess decizjoni l-Qorti tikkummenta li dan ma kienx hekk possibbli f’dak il-kaz in vista tal-konsiderazzjoni illi l-attur, li kien qed jitlob l-kundanna tal-konvenut minhabba inadempjenza kontrattwali, ma setax ikollu wkoll, favur tieghu, il-kundanna tal-kjamat in kawza meta ma’ dan ma kellu ebda relazzjoni kontrattwali. Incidentalment, dak il-kaz kien jitratta wkoll minn kwestjoni ta’ appalt u sub-appalt;

Dawn ir-riflessjonijiet jikkonducu lill-Qorti ghal konferma tad-decizjoni ghax din tinsab, sew fattwalment, sew guridikament fondata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell tal-konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta. Tirrizerva kull dritt, *si et quatenus* lill-istess konvenuta kontra l-kjamata fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------